



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Settembru 2023  
(OR. en)

12633/23

LIMITE

CORLX 842  
CFSP/PESC 1202  
COEST 493  
FIN 892

## PROPOSTA

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                   |
|-------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, iffirmata mis-Sur Stefano SANNINO, Segretarju Ġenerali                                                                                                      |
| data meta waslet: | 11 ta' Settembru 2023                                                                                                                                                                                                                             |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                        |
| Suġġett:          | Proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument HR(2023) 211.

Mehmuż: HR(2023) 211

**HR(2023) 211**  
*Limited*

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA



**Proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill**

**tal-11/09/2023**

**għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

**HR(2023) 211**  
*Limited*

# HR(2023) 211

## *Limited*

### DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta' [jj/xx/2023]

**dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna <sup>(1)</sup>.
- (2) Fit-23 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217 <sup>(2)</sup>, li emendat id-Deċiżjoni 2014/512/PESK u introduċiet aktar miżuri restrittivi biex jiġu sospiżi l-attivitajiet tax-xandir fl-Unjoni, jew diretti lejn l-Unjoni, ta' ċerti mezzi tal-media msemija fil-punt (3) tal-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217. Skont l-Artikolu 1(24), tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217, l-applikabbiltà ta' tali miżuri fir-rigward ta' wieħed jew diversi minn dawk l-istrumenti tal-media hija soġġetta għal deċiżjoni ulterjuri mill-Kunsill.
- (3) Wara li eżamina l-każijiet rispettivi, il-Kunsill ikkonkluda li l-miżuri restrittivi msemija fl-Artikolu 4g tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2023 fir-rigward tal-entitajiet kollha msemija fil-punt (3) tal-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217,

---

<sup>1</sup> ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1217 tat-23 ta' Ġunju 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 159 I, 23.6.2023, p. 451).

# HR(2023) 211

## *Limited*

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-miżuri msemija fl-Artikolu 4g tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2023 fir-rigward tal-entitajiet kollha msemija fil-punt (3) tal-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1217.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---